# Vista Pastorali fil-Qrendi fl-1754



**kitba ta' Lorenzo Zahra**

Xtaqt naghti ftit taghrif dwar il-Vista Pastorali tal-Isqof Mons. Paolo Alpheran de Busson li mexxa l-Knisja ta' dawn il-Gżejjer bejn is-snin 1728-1757. Il-Vista tal-Isqof Busson fil-Qrendi seħħet f'Mejju 1754, meta l-Kappillan kien Dun Giakomo Bertis.

Meta l-Isqof żar il-Qrendi dan kien akkumpanjat mill-Kanonku tal-Katidral Albino Portughese u l-Kanonku Pietro Platamone. Naturalment kien milqugħ mill-Kappillan, il-kleru u l-poplu li flimkien imxew lejn il-Knisja proċessjonalment.

Kif daħal il-Knisja Busson poġġa fuq sedja mħejjija apposta fuq in-naħa tal-lemin tal-presbiterju tal-artal maġġur. Kien liebes abiti sagri bil-kulur abjad u kif wasal inqara d-Digriet tal-Vista. Imbagħad il-kappillan u l-kleru resqu quddiemu jistqarru l-ubbidjenza tagħhom.

Wara ċ-ċerimonji li soltu jsiru f'okkażjonijiet bħal dawn, l-Isqof tkellem mal-kappillan dwar it-tagħlim tad-duttirna fil-Parroċċa u wara mar jara fejn jinżammu iż-żjut imbierka. Dawn kienu jkunu f'armarju msakkar, bil-bieba tiegħu mgħottija b'purtiera vjola. Fir-rapport tiegħu, l-Isqof jgħid li ż-żejt kien merfugħ f'vażetti tal-fidda u miżmum kif jixraq.

Waqt iż-żjara tiegħu l-Isqof Busson ta titwila lir-relikwa ta' San Mattew li kienet tinsab f'ostensorju eleganti tal-fidda, filwaqt li osserva l-artal maġġur li kien binja tal-ħagar bi skanell tal-injam, imżejjen b'kull ma kien meħtieġ għas-servizzi tal-knisja. Fir-rapport tiegħu, l-Isqof isemmi wkoll benefikat imħolli minn Pasquale Dorell fl-1594 u jgħid li mal-maġġur hemm marbuta is-sodalita' tas-SS. Sagrament bil-prokuraturi Franġisk Camilleri u Ġużeppi Farrugia.

Fir-rapport ta' wara l-vista pastorali, jissemma wkoll il-kwadru titular ital-Assunzjoni bil-lampir jixgħel quddiemu u l-artal ta' taħtu li kien jieħu ħsiebu Dun Ġwann Ellul. Fl-istess dokumentazzjoni l-Isqof jagħmel referenza għall-artali tal-knisja u jibda minn dak tal-Erwieħ bil-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu u jżid jgħid jirreferi għas-sehem tal-Patrijiet Karmelitani tal-Belt li kienu jagħtu sehemhom fil-qima tal-erwieħ.

Barra l-artal tal-Erwieħ, isemmi wkoll dak iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju imżejjen b'żewġ kolonni tal-ġebel filwaqt li jindika li fil-Kwadru tal-Madonna jidhru wkoll San Duminku u Santa Rożа. Artal iehor huwa dak tal-Madonna tal-Konsolazzjoni li fil-kwadru tiegħu mal-Madonna hemm San Gużepp u Santu Wistin. Fuq dan l-artal partikolari, l-Isqof jagħmel referenza għas-sehem tal-patrijiet Agostinjani fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa taċ-Ċintura flimkien mal-Fratellanza li twaqqfet fis-7 ta' Diċembru 1736, għad li kienet irreġistrata mal-Kurja fl-24 ta' Diċembru 1737. Hawn tissemma wkoll il-festa f'gieħ San Ġużepp. L-artal l-ieħor li jissemma huwa dak ta' Santu Rokku li l-festa tiegħu kienet tiġi ċċelebrata fil-ġurnata tagħha f'Awwissu. Il-Prokuratur ta' dan l-artal kien Pawlu Borg. Dwar l-artal u l-Kwadru tal-Ispirtu s-Santu tissemma ċertu familja għawdxija li ġġib il-kunjom ta' Camilleri li kienet tieħu ħsiebu. L-artal tas-SSmu. Kurċifiss kellu kwadru b'pittura tal-Kruċifissjoni. Fil-kwadru jidhru wkoll il-Madonna, San Ġwann u Marija Maddalena. Ir-rapport tal-vista jgħid li fit- 3 ta' Mejju kienet issir il-festa tas-Salib Imqaddes. Kien jieħu hsieb dan l-artal Dun Bernard Ellul, li sadanittant kellu f'idejh ukoll il-knisja tal-Ħniena. Dun Bernard kien jieħu ħsieb ukoll is-Sodalità tal-Kurċifiss.

Fost l-artali tal-ġnub imsemmija hemm l-artal ta' San Stiefnu li fih jidher ukoll San Gabrijel u kien Dun Gabrijel Axiaq li sa mill-1676 waqqaf il-festa tiegħu. L-artal l-ieħor kien dak ta' San Pawl u San Ġwann il-Battista fejn hawn tissemma' stemma tal-Isqof Palmieri. Wara huwa rrapurtat li l-Isqof Busson żar is-sagristija fejn ra l-kotba u nnota li dawn kienu kollha miżmumin bl-ordni.

Il-Vista kompliet fil-knejjes tal-madwar, fosthom dik tal-Madonna tal-Ġniena li ra mżejna bil-kolonni tal-ġebel u bl-istemma tal-Gran Mastru. Hawn ordna li jsir inventarju ta' dak li kellha din il-knisja. Żar ukoll il-knisja tan-Nativitа̀ tal-Madonna u Santa Veneranda u wara mar San Mattew tal-Maqluba li kien jieħu hsiebha Gius Ellul.

L-aħħar vista kienet fil-knisja tal-Madonna tal-Grazzja, fejn fil-kwadru kienu jidhru San Xmun l-Appostlu u San Ġiljan.

Fil-kitba tal-Vista jissemmew il-qassisin li meta resqu quddiem l-Isqof ippreżentaw iċ-ċertifikat tal-ordinazzjoni tagħhom.

Il-Kleru kien hekk: il-Kappillan; Dun Ġwann Battista Barbara; Dun Duminku Pace; Dun Salvu Ellul, Dun Ġużeppi Borg, Dun Ċelestino Camilleri u Dun Ġużepp Spiteri.

Kien hemm ukoll żewg djakni li ordnaw is-sena ta' qabel il-vista. dawn kienu Dun Salv u Dun Mikiel Ang Spiteri.

Dun Ċelestino kien jieħu ħsieb il-prokura tal-Veneranda Lampada, u tal-Erwieħ; filwaqt li Dun Gius Spiteri kien jieħu ħsieb il-Fratellanza tar-Rużarju.

Il-Vista ntemmet bil-Kappillan jagħti rendikont tal-ħidma tiegħu u tal-kleru fil-parroċċa matul is-sena.